SANNAT

Minuti tal-laqgħa mssejħa b'urġenza, numru tlettax tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 26 ta' April 2010 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada |
| | Joseph Bajada |
| Skużat | Manuel Tabone |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

660 Il-Kunsillier Manuel Tabone bagħat email li ma jistax jattendi għal-laqgħa għaliex inqabad bix-xogħol f'Malta.

**Item 1 Premju Ġieh Sannat**

661 Din il-laqgħa s-sejħet rigward l-għoti tal-Premju Ġieh Sannat. Il-Kunsill żied membru ieħor tal-bord li hu l-Kunsillier Teddy Bajada. B'hekk il-Kunsill ġie kompost mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Joseph Bajada u l-Kunsillier Teddy Bajada li kienu preżenti għal din il-laqgħa.

Il-bord għadda mill-ewwel għal għażla ta' dan il-premju. Il-persuni nominati kienu Wenzu Buttigieg, Shaun Bajada u Mons. Lawrence Sciberrras. Wara li ġew evalwati n-nominazzjonijiet, saret il-votazzjoni li kienet sigrieta. Ir-riżultat tal-votazzjoni kien li Mons. Lawrence Sciberras għandu jingħata l-Premju Gieh Sannat.

**Item 2 L-Impieg tal-Iskrivan Part Time**

662 Il-bord tal-interview iltaqa' nhar is-Sibt, 10 ta' April 2010 fejn saret l-interview. L-unika persuna li attendiet għall-interview kienet Maria Cassar Sultana. Il-bord irrakommanda lil Maria Cassar Sultana għal dan il-post. Waqt l-interview din ġiet mitluba tivverifika s-sitwazzjoni tagħha għar-raġuni li fejn hi mpjegata għandha l-grad ta' skrivana skala 12 u mal-Kunsill is-sejħa hi ta' Skala 15. Mal-bord tal-għażla Maria Cassar Sultana qablet li hija ser tkun disponibbli biex taħdem nhar ta' Sibt filgħodu kif ukoll tkun flessibbli għal bżonnijiet tal-Kunsill fost il-ġimgħa. Is-Segretarju għamel l-kuntatti meħtieġa mal-MPO fejn qalulu li din trid tirreżenja mill-MCAST u tibda taħdem mal-Kunsill bil-paga skond is-sejħa tal-post ta'

skrivana Skala 15. Il-Kunsill qabel li jiktbilha ittra sabiex tikkonferma jekk hix interessata f'dan il-post ta' skrivana Skala 15 mal-Kunsill skond is-sejħa. Hi ngħatat sa' nhar it-Tnejn, 2 ta' Mejju 2010 sabiex taghti r-risposta tagħha jekk hix ser taċċetta dan l-impieg b'paga ta' Skala 15 skond is-sejħa.

**Item 3. Business Plan 2010 -2012**

663 Is-Segretarju ppreżenta l-Business Plan għas-snin 2010 – 2013.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |